IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2019
COM(2019) 641 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali ta' Monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-2018

{SWD(2019) 442 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali ta' Monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-2018

INTRODUZZJONI

Mill-2017, il-Kummissjoni Ewropea ilha timmaniġġja l-**Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali** (SRSP), li huwa programm dedikat b'baġit ta' EUR 222.8 miljun[1] li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsaħħu t-tkabbir.

Ir-riformi strutturali huma, min-natura tagħhom, **proċessi kumplessi**, u d-disinn u l-implimentazzjoni tagħhom jeħtieġu għarfien u ħiliet speċjalizzati ħafna f'kull stadju. F'xi Stati Membri, il-kapaċità li jingħata bidu għal riformi strutturali u li dawn jiġu implimentati, ta' sikwit ma tkunx biżżejjed biex tindirizza l-isfidi amministrattivi, ekonomiċi u soċjali li riformi bħal dawn iġibu magħhom.

L-objettiv tal-SRSP huwa li jgħin lill-Istati Membri **jindirizzaw dawn l-isfidi** u **jsaħħu l-kapaċità tagħhom** li jħejju u jimplimentaw riformi li jsaħħu t-tkabbir, li jgħinu jsaħħu l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjonijiet pubbliċi u jtejbu l-proċessi ta' governanza u l-prestazzjoni u r-reżiljenza tal-ekonomija u tas-soċjetà inġenerali. L-għan huwa li jsir titjib fil-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi u l-investiment.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-**appoġġ iffinanzjat taħt iċ-ċiklu tal-SRSP 2018**. Huwa jiddeskrivi l-proċess tal-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti u jagħti rendikont tar-riżultati miksuba s'issa minn proġetti kemm skont l-SRSP tal-2017 kif ukoll tal-2018. Huwa jiddeskrivi wkoll il-proċess tal-għażla u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ iffinanzjati minn trasferimenti volontarji lill-SRSP mill-Greċja u l-Bulgarija[2].

IMPLIMENTAZZJONI TAL-SRSP FL-2018

Is-sena 2018 kienet it-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont l-SRSP. Bħall-ewwel sena, it-tieni waħda wriet li hemm **domanda għolja** għall-programm mill-Istati Membri — **24 Stat Membru** ippreżentaw **444 talba għal appoġġ,** għal **ammont stmat li huwa ħames darbiet il-baġit disponibbli għall-SRSP 2018**.

[1]Il-baġit żdied meta ġie emendat ir-Regolament (UE) 2017/825 oriġinali tal-SRSP (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1–16) (ir-Regolament (UE) 2018/1671, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 3–5).

[2]Minbarra l-baġit tal-SRSP, l-Artikolu 11 tar-Regolament SRSP u l-Artikolu 25 tad-Dispożizzjonijiet Komuni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jippermettu li l-programm jiġi ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali mill-Istati Membri minn riżorsi pprovduti għal assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE). Fl-2018, żewġ Stati Membri (il-Greċja u l-Bulgarija) għamlu trasferimenti volontarji lill-SRSP (C(2018) 3748 final u C(2018) 5435 final).

Sabiex tagħżel ir-rikjesti mill-Istati Membri għall-finanzjament taħt l-SRSP fl-2018, il-Kummissjoni **vvalutat ir-rikjesti fid-dawl tal-prinċipji u l-kriterji** stabbilit fir-Regolament SRSP. Fuq din il-bażi, intgħażlu **146 talba minn 24 Stat Membru**.

Id-distribuzzjoni tat-talbiet magħżula minn fost l-oqsma ta' politika ewlenin kienet kif ġej:

- **24 %** mill-qasam tal-amministrazzjoni tad-dħul u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi;
- **23 %** fl-ambjent tan-negozju u tat-tkabbir (inklużi l-klima u l-ambjent);
- **21 %** mill-qasam tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-politika soċjali;
- **21 %** relatati mal-governanza u l-amministrazzjoni pubblika; kif ukoll
- **11 %** relatati mas-servizzi finanzjarji u mal-aċċess għall-finanzi;

F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, ingħatat prijorità għall-finanzjament lil rikjesti li kienu jagħtu lok għal **għoti f'qasir żmien ta' appoġġ u implimentazzjoni rapida tar-riformi fil-post,** u lil rikjesti li kienu jindirizzaw **objettivi definiti, b'riżultati qawwija mistennija fil-post**.

93 % tat-talbiet magħżula għal finanzjament taħt l-SRSP tal-2018 jirrigwardaw direttament il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE :

- **55 %** tar-rikjesti magħżula jirrigwardaw l-implimentazzjoni tar-riformi b'reazzjoni għall-**isfidi identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew**(ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, ir-rapporti dwar il-pajjiżi);
- **29 %** huma relatati mal-**implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Unjoni** (l-unjoni tas-swieq kapitali, is-suq uniku diġitali, l-unjoni tal-enerġija u l-klima, eċċ.);
- **6 %** tar-rikjesti magħżula jirrigwardaw l-**implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni**; kif ukoll
- **3 %** tar-rikjesti magħżula jirrigwardaw l-**implimentazzjoni tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku tal-UE**.

is-7 % li jifdal huma marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi tal-Istati Membri stess.

Sat-30 ta' Novembru 2019, kienu tlestew **30 %** tar-riformi jappoġġjaw proġetti implimentati skont l-SRSP tal-2018 (li ma jinkludux trasferimenti volontarji skont l-Art. 11 tar-Regolament SRSP) filwaqt li **70 %** komplew jiġu implimentati fuq il-post.

L-akbar proporzjon ta' **miżuri ta' appoġġ** għandu l-għan li:

- itejjeb il-proċessi fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa u jtejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa (13 %);
- isaħħaħ l-edukazzjoni u l-iskemi ta' taħriġ (9 %);
- jiddiġitalizza l-amministrazzjoni pubblika (8 %);
- itejjeb l-effiċjenza u l-effettività tas-settur pubbliku (8 %);
- jagħmel is-sistemi tal-kura tas-saħħa aktar aċċessibbli, effettivi u reżiljenti (7 %);
- jiżviluppa s-swieq kapitali nazzjonali u transfruntiera (5 %);

PROGRESS F'RABTA MAL-OBJETTIVI TAL-PROGRAMM

It-tieni sena ta' implimentazzjoni tindika li l-SRSP jista' joffri **kontribut sinifikanti** lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex **jidentifikaw u jegħlbu ċerti dgħufijiet strutturali**li huma ta' ostaklu għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tar-riformi.

Pereżempju, il-programm għen biex **jiġu riveduti l-proċeduri attwali tat-tfassil tal-liġijiet** (eż. l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-governanza tal-intrapriżi tal-istat), **jiġu identifikati d-dgħufijiet u jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet għal titji**b (eż. rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għar-reklutaġġ, l-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-imħallfin). Il-programm għen ukoll biex **tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex jiddefinixxu proċessi u metodoloġiji aktar effiċjenti** (eż. billi tiġi żviluppata valutazzjoni tal-kwalità tat-taħriġ tal-għalliema), u/jew biex isir progress lejn **ġestjoni aktar effettiva tar-riżorsi umani** (eż. l-għoti ta' inizjattivi konkreti ta' tranżizzjoni relatati mal-ġestjoni tat-talenti, ir-riżorsi umani strateġiċi, u l-bini ta' kultura ta' innovazzjoni aktar b'saħħitha fis-servizz pubbliku).

L-azzjonijiet magħżula u implimentati skont iċ-ċiklu tal-SRSP tal-2018 huma mfassla wkoll biex jiżguraw il-alur miżjud Ewropew. Dan iseħħ permezz tal-**kumplimentarjetà u s-sinerġiji ma' programmi oħra** u politiki fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, u/jew permezz tal-kontribut tagħhom għall-**promozzjoni tal-fiduċja reċiproka u tal-kooperazzjoni** bejn l-Istati Membri benefiċjarji u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-azzjonijiet għandhom l-għan ukoll li jagħtu lok għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi nazzjonali iżda għandhom ukoll impatt pożittiv fuq l-**isfidi fl-Unjoni kollha u dawk transfruntiera**. Il-miżuri ta' appoġġ li ġejjin huma eżempji illustrattivi:

- Miżuri ta' appoġġ li **jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ostakli fl-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** (FEMS);
- miżuri ta' appoġġ imfassla biex **jiżguraw konformità mal-liġi ambjentali tal-UE** ;
- skambju tal-**aħjar prattiki** mal-Istati Membri li implimentaw b'suċċess **rieżamijiet ta' nfiq fl-istess oqsma ta' politika** tal-Istat Membru rikjedenti;
- appoġġ lil **tliet Stati Membri differenti** fir-riforma tas-sistema tas-saħħa li għandha l-għan li testendi l-kopertura u l-effikaċja tal-programmi ta' skrining tal-kanċer kolorettali, sabiex jitnaqqas in-numru ta' persuni bil-kanċer.

Filwaqt li ma jaqax taħt il-kompetenza ta' dan ir-rapport li juri l-effetti finali tar-riformi[3] li Stat Membru seta' beda bħala riżultat tal-miżuri ta' appoġġ ipprovduti taħt l-SRSP, nistgħu ngħidu li l-**SRSP jinsab fit-triq it-tajba meta jasal biex jilħaq l-objettiv ġenerali tiegħu**.

Il-miżuri ta' appoġġ implimentati skont l-ewwel żewġ sessjonijiet tal-SRSP (fl-2017 u l-2018) qed **jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsaħħu t-tkabbir.**

Fost il-proġetti implimentati kemm taħt it-2017 u l-2018, 123 diġà għenu biex jinkisbu riżultati konkreti, bħal dawn li ġejjin:

- strateġija ġdida ta' verifika interna pubblika;

[3]Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament SRSP, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu b'informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi tal-programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-programm, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet.

- rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għar-reklutaġġ, l-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-imħallfin;
- għodod ibbażati fuq l-internet għall-utenti żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fi Stat Membru, ibbażati fuq l-internet, jgħinu lill-SMEs jifhmu aħjar u jikkonformaw mal-qafas regolatorju;
- qafas ta' informazzjoni komprensiv għar-regolatur tal-ilma nazzjonali;
- it-tħejjija u l-adozzjoni ta' liġijiet u regolamenti u l-użu ta' għodod li jikkontribwixxu għall-kwalità, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul;
- l-implimentazzjoni ta' riformi fl-edukazzjoni bbażata fuq il-mentoraġġ, it-taħriġ u l-materjal awdjoviżiv arrikkit;
- ir-rakkomandazzjonijiet biex jgħinu fl-implimentazzjoni ta' rieżami tal-infiq pubbliku farmaċewtiku tal-pazjenti ta' barra;
- l-implimentazzjoni ta' strateġija fiskali ta' nofs it-terminu; kif ukoll
- l-iżvilupp ta' strateġija għal perjodu ta' żmien medju għal bank ta' żvilupp.

KONKLUŻJONI

It-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-SRSP uriet **żieda fid-domanda għall-programm mill-Istati Membri,li 24 minnhom**ippreżentaw **444 talba għal appoġġ** (sa 16-il Stat Membru li ppreżentaw 271 talba għal appoġġ taħt l-SRSP tal-2017).

B'mod ġenerali, l-ewwel sentejn ta' implimentazzjoni tal-SRSP urew li l-programm jista' jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jidentifikaw u jegħlbu d-dgħufijiet u l-ostakli strutturali meta jfasslu u jimplimentaw ir-riformi. Għadd ta' **eżempji speċifiċi ta' riżultati u azzjonijiet ta' segwitu mill-gvernijiet** juru dan.

Madankollu, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ huma mfassla biex jikkontribwixxu għall-proċess ta' riforma, **is-segwitu effettiv tal-azzjonijiet, f'termini ta' implimentazzjoni attwali tar-riformi, jibqa' l-prerogattiva tal-Istat Membru riċevitur**.

Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni se tibqa' twettaq monitoraġġ tal-assorbiment tal-miżuri ta' appoġġ, kif ukoll tal-implimentazzjoni tar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jtejbu t-tkabbir.